

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

18 ta' Novembru 2010\*

Fil-Kawżi magħquda C-250/09 u C-268/09,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mir-Rayonen sad Plovdiv (qorti tal-prim'istanza tal-Bulgarija), permezz tad-deċiżjonijiet tat-23 ta' Ġunju 2009, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 u fl-10 ta' Lulju 2009, rispettivament, fil-proċeduri

**Vasil Ivanov Georgiev**

vs

**Tehnicheski universitet — Sofia, filial Plovdiv,**

\* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas, A. Ó Caoimh u P. Lindh (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,  
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal V.I. Georgiev, minn K. Boncheva u G. Chernicherska, avukati,
- għal Tehniceski universitet — Sofia, filial Plovdiv, minn K. Iliev, bħala aġent,
- għall-Gvern Bulgaru, minn T. Ivanov u E. Petranova, bħala aġenti,
- għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,
- għall-Gvern Slovakk, minn B. Ricziová, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J. Enegren u N. Nikolova, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

### **Sentenza**

- 1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).
  
- 2 Dawn id-domandi ġew magħmula fil-kuntest ta' kawżi bejn V.I. Georgiev u t-Tehnicheski universitet — Sofia, filial Plovdiv (Università Teknika ta' Sofia — fergħa ta' Plovdiv, iktar 'il quddiem, l-“Università”) dwar, minn naħa, l-impjieg permezz ta' kuntratti għal żmien determinat li kien ilu jokkupa minn meta għalaq il-65 sena u, min-naħa l-oħra, l-irtirar obbligatorju tiegħu mat-68 sena.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### Id-Direttiva 2000/78

- 3 Il-premessa 25 tad-Direttiva 2000/78 tippovdi li:

“Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni marbuta ma’ l-età hija element essenzjali biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-Linji Gwida ta’ l-Impjieg u biex tiġi inkoraġġita d-diversità fl-impjieg. Madankollu, id-differenzi fit-trattament marbuta ma’ l-età jistgħu jiġu ġġustifikati f’ċerti ċirkostanzi u għalhekk jeħtieġu dispożizzjonijiet speċifiċi li jistgħu jvarjaw skond is-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Huwa għalhekk essenzjali li jkun hemm distinzjoni bejn id-differenzi fi trattament li huma ġġustifikati, b’mod partikulari minn politika leġittima ta’ mpjieg, objettivi tas-suq tax-xogħol u taħriġ professjonali, u diskriminazzjoni li għandha tiġi pprojbata.”

- 4 Skont l-Artikolu 1 tagħha, “[1]-iskop ta’ din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta’ reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament”.

5 L-Artikolu 2(1) u 2(a) tal-istess direttiva jipprovdi li:

“1. Għall-iskop ta’ din id-Direttiva, “il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament’ għandu jfisser li m’għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b’mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f’sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1”.

6 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78 intitolat “Il-kamp ta’ applikazzjoni” jipprovdi fl-Artikolu 3(1)(ċ):

“Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f’dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f’dak li jirrigwarda:

[...]

ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjeg u tax-xogħol, inklużi [l-kundizzjonijiet ta’] sensji u paga”.

7 L-Artikolu 6(1) tad-direttiva jipprovdi li:

“Minkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta’ età m’għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b’għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta’ l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta’ objettivi ta’ taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprijati [xierqa] u neċessarji.

Dan it-trattament differenti jista’ b’mod partikolari jinkludi:

- a) l-istabbiliment ta’ kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ professjonali, l-impjieg u x-xogħol, inklużi l-kundizzjonijiet ta’ sensji u pagi, għaż-żgħażaġġ, haċċiem ta’ età, u persuni li jkollhom responsabbiltajiet li jieħdu ħsieb persuni oħra sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;
- b) [l]-iffissar ta’ kondizzjonijiet minimi ta’ età, esperjenza professjonali jew anzjanità f’servizz għall-aċċess ta’ mpjieg jew għal ċerti vantaġġi marbuta ma’ l-impjieg;
- ċ) l-iffissar ta’ età massima għal reklu taġġ li tkun ibbażata fuq ħtiġiet ta’ formazzjoni tal-post inkwistjoni jew fuq il-ħtieġa ta’ perijodu raġjonevoli ta’ mpjieg qabel l-irtirar.”

Il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat

- 8 Il-klawżola 5(1), tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368), hija fformulata kif ġej:

“Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjeg għal terminu fiss [żmien determinat], [l-Istati Membri,] wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

- a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
- b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjeg għal terminu fiss [żmien determinat];
- ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.”

*Il-leġislazzjoni nazzjonali*

- 9 Il-Kodiċi tax-Xogħol Bulgaru (DV Nru 26, tal-1 ta' April 1986), fil-verżjoni emendata tiegħu u ppubblikata fid-DV Nru 105, tad-29 ta' Diċembru 2005 (iktar 'il quddiem il-“Kodiċi tax-Xogħol”) jipprovdi, fil-punti 1 u 4 tal-Artikolu 68(1), id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

“1) Il-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat huwa konkluż:

1. għal żmien determinat li ma jistax jeċċedi tliet snin sakemm liġi jew att adottati mill-Kunsill tal-Ministri ma jkunux jipprovdu l-kuntrarju;

[...]

4) B'mod eċċezzjonali, kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat, imsemmi fil-punt 1 tal-Artikolu 68(1), għal żmien ta' mill-inqas sena jista' jiġi konkluż għal xogħlijiet jew attivitajiet li ma humiex ta' natura temporanja, tal-istaġun biss jew għal żmien qasir. Kuntratt ta' xogħol bħal dan jista' anki jiġi konkluż għal żmien iqsar fuq talba bil-miktub tal-ħaddiem jew tal-persuna li timpjega. F'dan il-każ, il-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat imsemmi fil-punt 1 tal-Artikolu 68(1) mal-istess ħaddiem jew mal-persuna li timpjega għall-istess xogħol jista' jiġġedded għal darba biss għal perijodu ta' mill-inqas sena.”

- 10 L-Artikolu 325(3) tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprovdi li l-kuntratt tax-xogħol jintemm mingħajr notifika minn qabel, min-naħa tal-partijiet, meta jiskadi t-terminu stabbilit minnu.



11 Skont l-Artikolu 328 tal-Kodiċi tax-Xogħol:

“1) Il-persuna li timpjega tista’ ttejjem il-kuntratt ta’ xogħol permezz ta’ notifika minn qabel bil-miktub indirizzata lill-ħaddiem jew lill-impjegat fit-termini msemmija fl-Artikolu 326(2) fil-każijiet li ġejjin:

[...]

10. Meta jinkiseb id-dritt għall-pensjoni ta’ rtirar, u fil-każ tal-professuri, tas-senior lecturers u tal-assistenti fil-livelli I u II u ta’ persuni li għandhom dottorati fix-xjenza, meta jagħlqu l-65 sena;

[...]”

12 Il-Liġi Bulgara dwar l-Edukazzjoni Terzjarja (DV Nru 112, tas-27 ta’ Diċembru 1995), fil-verżjoni emendata u ppubblikata fid-DV Nru 103, tat-23 ta’ Diċembru 2005, tipprovdi fil-paragrafu 11 dispożizzjonijiet tranżitorji u finali:

“Fuq suġġeriment tal-Kunsill tal-Professuri u tal-Kunsill tas-sede Akkademika u/jew tal-Kunsill tal-fergħa Akkademika, b’deċiżjoni tal-Kunsill Akkademiku, il-kuntratti ta’ xogħol tal-persuni kkwalfikati sabiex jgħallmu jistgħu, meta dawn il-persuni jilhqgħu l-età msemmija fil-punt 10 tal-Artikolu 328(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, jiġġeddu għal sena, sa massimu ta’ tliet snin meta l-persuna kkonċernata tkun tokkupa pożizzjoni

ta' 'professur' u sa massimu ta' sentejn meta l-persuna kkonċernata tkun tokkupa pożizzjoni ta' 'senior lecturer'."

- 13 Il-punt 6 tal-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni (DV Nru 86, tat-30 ta' Settembru 2003), fil-verżjoni emendata u ppubblikata fid-DV Nru 105, tad-29 ta' Diċembru 2005, jipprova li ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni "l-iffissar ta' limitu ta' età għall-impjeg li jkun marbut mal-ħtieġa ta' taħriġ għall-okkupazzjoni ta' funzjoni korrispondenti jew mal-ħtieġa ta' terminu raġonevoli bejn l-okkupazzjoni tal-pożizzjoni u l-irtirar, sakemm tkun kundizzjoni oġġettiva intiża għat-twettiq ta' għan leġittimu b'mezzi li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa realment meħtieġ".

## **Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

- 14 V. I. Georgiev beda jaħdem fl-Università fl-1985 bħala assistant lecturer.
- 15 Il-kuntratt ta' xogħol tiegħu ġie mitmum b'effett mis-6 ta' Frar 2006 peress li kien laħaq l-età tal-irtirar, stabbilita għal 65 sena.
- 16 Madankollu, il-Kunsill Akkademiku tal-Università awtorizza lil V. I. Georgiev ikompli jaħdem skont il-paragrafu 11 tad-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Terzjarja. Għaldaqstant ġie ffirmat kuntratt ta' xogħol ġdid għal

perijodu ta' sena għal dan il-għan, li kien jipprovdli li l-persuna kkonċernata kienet ser taħdem bħala lecturer fil-Fakultà tal-Inġinerija (iktar 'il quddiem il-“kuntratt”).

- 17 Bis-saħħa ta' addendum tal-21 ta' Diċembru 2006, il-kuntratt iġġedded għal sena.
- 18 V. I. Georgiev inġatar professur f'Jannar 2007.
- 19 Bis-saħħa ta' *addendum* ieħor, tat-18 ta' Jannar 2008, il-kuntratt reġa' ġġedded għal sena.
- 20 Fl-2009, is-sena li matulha V.I. Georgiev għalaq it-68 sena, intemmet ir-relazzjoni ta' xogħol li huwa kellu mal-Università, bis-saħħa tal-Artikolu 325(3) tal-Kodiċi tax-Xogħol, permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur tal-Università.
- 21 V. I. Georgiev ippreżenta żewġ rikorsi quddiem il-qorti tar-rinviju. L-ewwel wieħed, li ta lok għall-kawża C-268/09, huwa intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-klawżola tal-kuntratt għal żmien determinat tiegħu, li tillimita l-kuntratt ta' xogħol tiegħu għal sena hija nulla u li dan il-kuntratt għandu jiġi kklassifikat mill-ġdid bħala kuntratt għal żmien indeterminat. It-tieni rikors, li ta lok għall-kawża C-250/09, jirrigwarda d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Università li temmet ir-relazzjoni ta' xogħol tal-persuna kkonċernata ma' din tal-aħħar meta għalaq it-68 sena.
- 22 L-imsemmija qorti indikat li kellha dubji għal dak li jikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78 sabiex tagħti deċiżjoni għaż-żewġ kawżi li għandha quddiemha.

23 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-Rayonen sad Plovdiv iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lil Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, fejn l-ewwel żewġ domandi huma identiċi għaż-żewġ kawżi, filwaqt li t-tielet waħda ġiet magħmula biss fil-Kawża C-268/09:

- “1) Id-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva 2000/78], jostakolaw l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li ma tawtorizzax il-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal perijodu indeterminat minn professuri li jkunu għalqu l-65 sena? F'dan ir-rigward, u b'mod iktar partikolari fir-rigward tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva, id-dispożizzjoni [tal-punt 6] tal-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, li tipprovdi limiti ta' età għal ċerti karigi, hija miżura ġġustifikata b'mod oġġettiv u raġonevoli minn għan leġittimu u hija proporzjonata, meta jitqies li d-Direttiva hija kompletament trasposta fil-leġiżlazzjoni Bulgara?
- 2) Id-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva 2000/78] jostakolaw l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li tipprovdi għall-irtirar obbligatorju ta' professuri li jkunu għalqu t-68 sena? Fid-dawl tal-fatti u taċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, u fil-każ fejn tiġi kkonstatata inkompatibbiltà bejn id-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva 2000/78] u l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti li biha ġiet trasposta d-Direttiva, huwa possibbli li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju twassal sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tiġix applikata?
- 3) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi l-għeluq ta' età speċifika bħala l-unika kundizzjoni sabiex tintemm ir-relazzjoni ta' xogħol għal perijodu indeterminat u sabiex din ir-relazzjoni tkun tista' titkompla bħala waħda għal perijodu determinat bejn l-istess ħaddiem u l-istess persuna li timpjega, għall-istess kariga? Sa fejn, wara li l-kuntratt għal perijodu indeterminat jiġi mibdul għal kuntratt għal perijodu determinat, il-liġi nazzjonali tistabbilixxi limitu massimu għall-kontinwazzjoni u numru massimu ta' prorogi tar-relazzjoni ta' xogħol għal perijodu determinat

mal-istess impjegat, meta ma jibqax iktar possibbli li r-relazzjoni ta' xogħol titkompla bejn il-partijiet?"

- <sup>24</sup> Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-14 ta' Settembru 2009, il-Kawżi C-250/09 u C-268/09 ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

## **Fuq id-domandi preliminari**

### *Fuq l-ewwel żewġ domandi*

- <sup>25</sup> Permezz tal-ewwel żewġ domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 2000/78, b'mod partikolari, l-Artikolu 6(1) tagħha, tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li ttiprovdi għall-irtirar obbligatorju tal-professuri universitarji li jkunu għalqu t-68 sena u li dawn tal-aħħar ikomplu bl-attività tagħhom lil hinn mill-65 sena biss permezz ta' kuntratti għal żmien determinat konklużi għal perijodu ta' sena li ma jistgħux jiġġeddu iktar minn darbtejn. Fil-każ ta' risposta pożittiva, din il-qorti tistaqsi jekk tali leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex tiġi eskluża.
- <sup>26</sup> Għandu jiġi enfasizzat qabel kollox, kif jirriżulta kemm mit-titolu u mill-premessi kif ukoll mill-kontenut u l-għan tad-Direttiva 2000/78, li din tfittex li tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex tiżgura trattament ugwali lil kulħadd "fl-impjieg u fix-xogħol",

billi toffri protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, li fosthom hemm l-età.

- 27 Sabiex tingħata risposta għall-ewwel żewġ domandi, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, jekk tintroduċix trattament differenti abbażi tal-età, u fil-każ ta' risposta pożittiva, jekk din id-direttiva tipprekludix tali trattament differenti.
- 28 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, mill-Artikolu 3(1)(ċ) ta' din tal-aħħar jirriżulta li, fil-kuntest tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni Ewropea, hija tapplika għall-persuni kollha għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjeg u tax-xogħol, inklużi l-kundizzjonijiet tat-tkeċċija u tar-remunerazzjoni.
- 29 Id-dispożizzjoni nazzjonali li ttiprovdi għall-irtirar obligatorju tal-professuri universitarji meta jagħlqu t-68 sena taffettwa l-kundizzjonijiet tal-impjeg u tax-xogħol, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva, billi tipprojbixxi lill-persuni kkonċernati milli jeżerċitaw l-attività tagħhom lil hinn minn din l-età.
- 30 Għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat, hija taffettwa l-kundizzjonijiet tal-impjeg u tax-xogħol, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ), peress li tipprekludi lill-professuri universitarji li għandhom iktar minn 65 sena milli jkomplu bl-attività tagħhom billi jibbenifikaw minn kuntratt għal żmien indeterminat.
- 31 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-leġislazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinkludix trattament differenti bbażat fuq l-età, fis-sens

tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/87, għandu jittfakkar li skont din id-dispożizzjoni, “il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament’ għandu jfisser li m’għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemija fl-Artikolu 1” ta’ din id-direttiva. L-Artikolu 2(2)(a) tagħha jippreċiża li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tal-istess artikolu, għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b’mod inqas favorevoli minn persuna oħra f’sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemija fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

- 32 L-applikazzjoni ta’ liġi li tipprovdi għall-irtirar obligatorju tal-professuri universitarji li jkunu għalqu t-68 sena twassal sabiex dawn il-persuni jkunu trattati b’mod inqas favorevoli minn persuni oħrajn li jeżerċitaw l-istess professjoni minħabba li jkunu qabżu l-età ta’ 68 sena. Dispożizzjoni bħal din tintroduċi trattament differenti bbażat fuq l-età, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2007, Palacios de la Villa, C-411/05, Ġabra p. I-8531, punt 51).
- 33 Fir-rigward tad-dispożizzjoni nazzjonali dwar l-applikazzjoni ta’ kuntratti ta’ xogħol għal żmien determinat għall-professuri li għalqu l-65 sena, għandu jiġi kkonstatat li, billi timponi tali tipi ta’ kuntratti ta’ xogħol fuq dawn tal-aħħar u billi tipprekludihom milli jkomplu jeżerċitaw l-attività tagħhom permezz ta’ kuntratti għal żmien indeterminat, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinkludi wkoll trattament differenti fil-konfront tagħhom meta mqabbla mal-professuri iżgħar fl-età, liema professuri ma humiex suġġetti għal tali projbizzjoni.
- 34 L-argument tal-Università u tal-Gvern Bulgaru li tali leġiżlazzjoni ma hijiex sfavorevoli għall-professuri kkonċernati inkwantu tippermettilhom, skont il-każ, li jaħdmu għal tliet snin oħra wara li jkunu laħqu l-età li jkunu jistgħu jirtiraw bil-benefiċċju ta’ pensjoni, ma huwiex tali li jinvalida l-konklużjoni msemija fil-punt preċedenti. Fil-fatt, tali sitwazzjoni ma tipprekludix li, peress li huma ma jibbenifikawx iktar minn kuntratt ta’ xogħol għal żmien indeterminat, il-kundizzjonijiet tal-impjeg ta’ dawn

il-professuri jsiru iktar prekarji minn dawk tal-professuri li għandhom inqas minn 65 sena.

<sup>35</sup> Fit-tielet lok, għandu jiġi eżaminat jekk it-trattament differenti li jirriżulta mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistax jiġi ġġustifikat fid-dawl tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78.

<sup>36</sup> F'dan ir-rigward, huwa importanti li jifakkar li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi li trattament differenti fuq ibbażat fuq l-età ma għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, huwa oġġettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima tal-impjeg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu xierqa u neċessarji. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(1) jelenka diversi eżempji ta' trattament differenti bħal dawk imsemmija fl-ewwel paragrafu.

<sup>37</sup> F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li l-eżempju li jinsabu fl-Artikolu 6(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78, li ġie traspost fid-dritt nazzjonali Bulgaru permezz tal-punt 6 tal-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar il-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni, li għalih tirreferi espressament il-qorti tar-rinviju fl-ewwel domanda, ma jidher li huwa rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, il-kawża prinċipali tirrigwarda l-applikazzjoni ta' kuntratti għal żmien determinat mill-età ta' 65 sena u għaldaqstant, il-kundizzjonijiet tal-impjeg wara ċertu età, u mhux dwar l-età massima għall-impjeg imsemmija f'din il-liġi.



- 38 Għaldaqstant huwa importanti li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġu eżaminati fid-dawl tal-għanijiet tagħhom.
- 39 Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi ebda informazzjoni fuq dan il-punt u mill-proċess ma jirriżultax li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprovdi l-għan li qiegħda tipprova tilħaq.
- 40 Madankollu, din is-sitwazzjoni ma timplikax li l-imsemmija leġiżlazzjoni ma għandhiex għan leġittimu. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, fin-nuqqas ta' preċiżazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni rigward l-għan li trid tilħaq, huwa importanti li elementi oħrajn, li jirriżultaw mill-kuntest ġenerali tal-miżura kkonċernata, jippermettu li jiġi identifikat l-għan wara din il-miżura sabiex ikun jista' jitwettaq sħarriġ ġudizzjarju tal-leġittimità tagħha kif ukoll tan-natura xierqa u neċessarja tal-mezzi adottati sabiex jitwettaq dan il-għan (ara s-sentenzi *Palacios de la Villa*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57; tal-5 ta' Marzu 2009, *Age Concern England*, C-388/07, *Ġabra* p. I-1569, punt 45, u tat-12 ta' Jannar 2010, *Petersen*, C-341/08, *Ġabra* p. I-47, punt 40).
- 41 L-Università u l-Gvern Bulgaru jsostnu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha l-għan ta' politika soċjali marbut mat-taħriġ u l-impjieġ tal-għalliema kif ukoll mal-applikazzjoni ta' politika konkreta tas-suq tal-impjieġ filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-persunal tas-suġġett akkademiku kkonċernat, tal-bżonnijiet tal-università kkunsidrata u tal-kwalitajiet professjonali tal-persuna kkonċernata.
- 42 Il-Gvernijiet l-oħra li ppreżentaw osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-Gvern Ġermaniż u Slovakk, kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, iqisu li l-għan leġittimu ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jista' jinsab fil-bżonn li tiġi żgurata l-kwalità tat-tagħlim u tar-riċerka, billi jitbiddel

il-korp tal-għalliema billi jiġu impjegati professuri iżgħar fl-età, u t-tqassim tal-postijiet bl-aħjar mod possibbli, filwaqt li jiġi stabbilit bilanċ bejn il-ġenerazzjonijiet.

- 43 Għandu jiġi kkonstatat li l-Università u l-Gvern Bulgaru ma jippreċiżawx b'mod ċar l-għan tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali u essenzjament jillimitaw ruħhom sabiex jindikaw li l-għan tagħha huwa t-tip ta' għan imsemmi fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78. Għaldaqstant, sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni fid-dawl ta' din id-direttiva, huwa importanti li jiġi eżaminat preċiżament l-għan tagħha, u dan huwa kompit u tal-qorti nazzjonali.
- 44 Sabiex tingħata risposta utli għal dan, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Università u l-Gvern Bulgaru dwar l-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif ukoll l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Slovakk u l-Kummissjoni, fuq dan il-punt.
- 45 F'dan ir-rigward, it-taħriġ u l-impjieġ tal-għalliema, kif ukoll l-applikazzjoni ta' politika konkreta tas-suq tal-impjieġ li jippermettu li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-persunal u tas-suġġett akkademiku ikkonċernat, invokati mill-Università u mill-Gvern Bulgaru, jistgħu jissodisfaw il-volontà li l-postijiet ta' professuri jitqassmu bl-aħjar mod possibbli bejn il-ġenerazzjonijiet, b'mod partikolari, billi jiġu impjegati professuri iżgħar fl-età. Issa, fir-rigward ta' dan l-għan tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-promozzjoni tal-impjieġi tikkostitwixxi, b'mod inkontestabbli, għan leġittimu tal-politika soċjali jew tal-impjieġ tal-Istati Membri (sentenza Palacios de la Villa, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65), b'mod partikolari meta tiffavorixxi l-aċċess taż-żgħażaġ għal professjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 68). Għaldaqstant, il-promozzjoni tal-impjieġ

fl-edukazzjoni terzjarja billi persuni iżgħar fl-età jiġu offruti postijiet ta' professuri tista' tikkostitwixxi tali għan leġittimu.

- 46 Barra minn hekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-koeżistenza ta' diversi ġenerazzjonijiet ta' għalliema u riċerkaturi tiffavorixxi l-iskambju ta' esperjenzi kif ukoll l-innovazzjoni u għalhekk l-iżvilupp tal-kwalità tat-tagħlim u tar-riċerka fi ħdan l-universitajiet.
- 47 Madankollu, il-proċess ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li l-għanijiet imsemmija mill-Gvern Ġermaniż u dak Slovakk kif ukoll mill-Kummissjoni jikkorrispondu għal dawk tal-leġiżlatur Bulgaru. Jeżisti dubju, b'mod partikolari, fid-dawl tar-rimarki ta' V.I. Georgiev fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu. Fil-fatt, dan tal-aħħar iqis li l-Università u l-Gvern Bulgaru jagħmlu dikjarazzjonijiet sempliċi u jsostnu li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex adattata għar-realtà tas-suq tax-xogħol ikkonċernat. Huwa jsostni li l-medja tal-età tal-professuri tal-università hija ta' 58 sena u li n-numru tagħhom ma jaqbiżx l-1000, u din hija sitwazzjoni li tispijega n-nuqqas ta' interess minn naħa taż-żgħażaġh għall-karriera professjonali. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma sservix sabiex jiġu impjegati ż-żgħażaġh.
- 48 F'dan ir-rigward, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina s-sitwazzjoni fattwali u li tivverifika jekk l-għanijiet allegati mill-Università u mill-Gvern Bulgaru jikkorrispondux għar-realtà tal-fatti.
- 49 Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk il-mezzi implementati sabiex jintlaħqu tali għanijiet humiex "approprijati [xierqa] u neċessarji" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.
- 50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla mhux biss ta' għan partikolari fost oħrajn fil-qasam tal-politika soċjali

u tal-impjieg, iżda wkoll fl-adozzjoni tal-miżuri biex jintlaħaq tali għan (ara s-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold, C-144/04, Ġabra p. I-9981, punt 63, u Palacios de la Villa, iċċitata iktar 'il fuq, punt 68).

- 51 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-iffissar ta' limitu tal-età għal 68 sena, fil-punt 70 tas-sentenza Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tal-impjieg fis-settur ikkonċernat, ma jidhirx irraġonevoli għall-awtoritajiet ta' Stat Membru li jikkunsidraw li l-applikazzjoni ta' limitu tal-età, li twassal għall-ħruġ mis-suq tax-xogħol tal-prattikanti l-iktar anzjani, tista' tippermetti li tiffavorixxi l-impjieg tal-professjonisti iżgħar fl-età u li din l-età tidher suffiċjentement avvanzata sabiex isservi ta' limitu għall-awtorizzazzjoni tal-prattika bħala dentist li jaħdem fuq bażi kuntrattwali mal-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa.
- 52 Dawn l-evalwazzjonijiet huma rilevanti wkoll fir-rigward tal-eżerċizzju ta' attività bħalma hija dik ta' professur universitarju. Fil-fatt, sa fejn il-postijiet ta' professuri universitarji huma ġeneralment ta' numru limitat u huma riżervati għal persuni li kisbu l-ogħla kwalifiki fil-qasam ikkonċernat, u peress li post vakanti għandu jkun disponibbli sabiex professur ikun jista' jiġi impjegat, hemm lok li jiġi kkonfermat li Stat Membru jista' jqis xieraq li jiffissa limitu tal-età sabiex jilħaq l-għanijiet ta' politika tal-impjieg bħal dawk imsemmija fil-punti 45 u 46 tas-sentenza preżenti.
- 53 Madankollu hija l-qorti nazzjonali li, fid-dawl tal-oġġezzjonijiet ippreżentati minn V.I. Georgiev u mfakkra fil-punt 47 tas-sentenza preżenti, għandha tivverifika jekk is-sitwazzjoni tal-professuri universitarji fil-Bulgarija tikkorrispondix għas-sitwazzjoni ġenerali tal-professuri universitarji kif deskritta fil-punt preċedenti.
- 54 Għal dak li jirrigwarda l-limitu tal-età meqjusa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri 68 sena, mill-proċess jirriżulta li dan huwa

ħames snin iktar mill-età meta l-irġiel jistgħu normalment jiksbu dritt għall-pensjoni u jiġu obbligati jirtiraw fl-Istat Membru kkonċernat. Għaldaqstant, hija tippermetti lill-professuri universitarji, li jkunu jridu jaħdmu sa 68 sena, ikomplu l-karriera tagħhom għal perijodu relattivament twil. Tali miżura ma tistax titqies bħala waħda li tippreġudika eċċessivament, il-pretensjonijiet leġittimi tal-ħaddiema li jiġu obbligati jirtiraw minħabba li jkunu laħqu l-limitu tal-età previst, peress li l-leġiżlazzjoni rilevanti ma hijiex ibbażata biss fuq età speċifika iżda tieħu wkoll inkunsiderazzjoni l-fatt li, fit-tmiem tal-karriera professjonali tagħhom, il-partijiet ikkonċernati jibbenifikaw minn kumpens finanzjarju permezz ta' għoti ta' pensjoni ta' rtirar, bħal dik prevista mis-sistema nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Palacios de la Villa, iċċitata iktar 'il fuq, punt 73).

55 Minn dan isegwi li l-iffissar ta' tali limitu tal-età għat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tal-impjieg bħal dawk imsemmija fil-punti 45 u 46 tas-sentenza preżenti, sakemm l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali tissodisfa dawn l-għanijiet b'mod koerenti u sistematiku.

56 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk tali limitu tal-età verament jissodisfax il-bżonn li jintlaħqu l-għanijiet invokati b'mod koerenti u sistematiku (ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, Ġabra p. I-1721, punt 55, u Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 53). B'mod partikolari, hija għandha teżamina jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tagħmilx distinzjoni bejn, minn naħa, is-senior lecturers u l-professuri universitarji u, min-naħa l-oħra, l-għalliema universitarji l-oħra billi ma tippovdix għall-irtirar obligatorju ta' dawn tal-aħħar, kif isostni V.I. Georgiev. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi vverifikat jekk tali distinzjoni tikkorrispondix għal neċessità fid-dawl tal-għanijiet li jridu jintlaħqu u tal-karatteristiċi tal-għalliema inkwistjoni jew jekk hija tirrilevax, għall-kuntrarju ta' dan,

inkoerenza fil-leġiżlazzjoni li ma tissodisfax, b'dan il-mod, il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

- 57 Fit-tieni lok, fir-rigward tan-natura xierqa u neċessarja tal-konklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat mal-età ta' 65 sena, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni teżamina l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jipprevedu l-applikazzjoni ta' tali kuntratti minn ċertu età, mad-Direttiva 2000/78.
- 58 Fis-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant eżaminat leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil persuni li jimpjegaw jikkonkludu kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat ma' ħaddiema li jkunu għalqu t-52 sena, mingħajr distinzjoni, ikunux jew le qiegħda qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, fid-dawl tal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri li tiġi promossa l-integrazzjoni tal-ħaddiema qiegħda li għandhom iż-żmien.
- 59 Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, irrilevat li tali leġiżlazzjoni twassal għal sitwazzjoni fejn il-ħaddiema kkonċernati minnha jistgħu jingħataw kuntratti għal żmien determinat li jistgħu jiġġeddu għal numru indefinit ta' drabi sakemm jilhqqu l-età meta jkollhom id-dritt li jirċievu l-pensjoni ta' rtirar, billi b'dan il-mod jirriskjaw, matul parti sostanzjali tal-karriera professjonali tagħhom, li jiġu esklużi mill-benefiċċju tal-istabbiltà tal-impjeg, liema benefiċċju jikkostitwixxi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, element importanti tal-protezzjoni tal-ħaddiema (ara s-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64). Min-naħa l-oħra, hija ddeċidiet li tali leġiżlazzjoni, sa fejn tistabbilixxi l-età tal-ħaddiem ikkonċernat bħala l-uniku kriterju għall-applikazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat, mingħajr ma jintwera li l-iffissar ta' limitu ta' età, bħala tali, indipendentement minn kull kunsiderazzjoni oħra marbuta mal-istruttura tas-suq tax-xogħol inkwistjoni u tas-sitwazzjoni personali tal-persuna kkonċernata, huwa oġġettivament neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-integrazzjoni professjonali tal-ħaddiema qiegħda li

għandhom iż-żmien, għandha tiġi kkunsidrata li tmur lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tagħha (sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65).

- 60 Għandu jiġi rrilevat li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidistingwi ruħha b'mod ċar minn dik eżaminata fis-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, u kienet tidher li tista' tiġi ġġustifikata fis-sens tad-Direttiva 2000/87.
- 61 Fl-ewwel lok, l-applikazzjoni ta' kuntratti għal żmien determinat ta' sena li ma jistgħux jiġġeddu iktar minn darbtejn, tista tkun tali, eżattament bħal-limitu tal-età ta' 68 sena, li tissodisfa politika tal-impjieġ intiża, b'mod partikolari, sabiex tiffavorixxi l-promozzjoni tal-għalliema iżgħar fl-età għall-postijiet ta' professuri universitarji. Fil-fatt, sakemm in-numru ta' dawn tal-aħħar ikun limitat, l-applikazzjoni għal dawn il-professuri ta' kuntratti għal żmien determinat, sa mill-età ta' 65 sena, tippermetti li t-tluq tagħhom jinkiseb fi żmien relattivament qasir u għaldaqstant li jiġu impjegati minflokhom professuri iżgħar fl-età. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika li din hija s-sitwazzjoni tal-professuri universitarji koperta mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 62 Fit-tieni lok, l-applikazzjoni ta' dawn il-kuntratti ma hijiex biss marbuta mal-kundizzjoni li l-ħaddiema jkunu laħqu ċertu età.
- 63 Għall-kuntrarju ta' dan, kif jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fil-punti 11 u 12 tas-sentenza preżenti, il-fattur determinanti huwa l-fatt li l-professur kiseb dritt għal pensjoni ta' rtirar, kif ukoll il-fatt li laħaq ċertu età, li barra minn hekk, hija ħafna iktar avvanzata minn dik inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, jiġifieri 65 sena minflok 52 sena.

- 64 Minn tali leġiżlazzjoni jirriżulta li l-professuri li jiġu proposti kuntratt għal żmien determinat jistgħu jagħżlu jew li jirtiraw bil-pensjoni jew li jkomplu jaħdmu lil hinn mill-65 sena.
- 65 Barra minn hekk, il-kuntratti għal żmien determinat inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma limitati għal sena u ma jistgħux jiġġeddu iktar minn darbtejn, u għalhekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat sabiex jiġi pprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat.
- 66 F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi kkunsidrat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-konklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija tali li tgħaqqad flimkien kemm il-bżonnijiet tal-professuri kkonċernati kif ukoll dawk tal-universitajiet u tista' tikkostitwixxi mezz xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfakkra fil-punti 45 u 46 tas-sentenza preżenti, jekk din il-leġiżlazzjoni tissodisfa dawn l-għanijiet b'mod koerenti u sistematiku.
- 67 Fi kwalunkwe każ, kif tfakkar fil-punt 56 tas-sentenza preżenti, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tagħmilx distinzjoni bejn, minn naħa, is-senior lecturers u l-professuri universitarji u, min-naħa l-oħra, l-għalliema l-oħra tal-università, għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' kuntratti għal żmien determinat jew għal żmien indeterminat mid-data meta l-persuna kkonċernata tilħaq l-età tal-irtirar. Hija wkoll il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, b'mod partikolari, jekk tali distinzjoni tikkorrispondix għal neċessità, fid-dawl tal-għanijiet li jridu jintlaħqu u tal-karatteristiċi tal-għalliema



inkwistjoni jew jekk hija tirrilevax, għall-kuntrarju ta' dan, inkoerenza fil-leġiżlazzjoni li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

- 68 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel żewġ domandi għandha tkun li d-Direttiva 2000/78, b'mod partikolari, l-Artikolu 6(1) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għall-irtirar obbligatorju tal-professuri universitarji li jkunu għalqu t-68 sena u li dawn tal-aħħar ikomplu bl-attività tagħhom lil hinn minn 65 sena biss permezz ta' kuntratti għal żmien determinat ta' sena li ma jistgħux jiġġeddu iktar minn darbtejn sakemm din il-leġiżlazzjoni jkollha għan leġittimu marbut, b'mod partikolari, mal-politika tal-impjeg u tas-suq tax-xogħol, bħalma huwa t-twaqqif ta' tagħlim ta' kwalità u l-aħjar tqassim tal-postijiet ta' professuri bejn il-ġenerazzjonijiet, u sakemm tippermetti li jintlaħaq dan l-għan b'mezzi xierqa u neċessarji. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti.
- 69 Fil-każ fejn dawn il-kundizzjonijiet ma humiex sodisfatti, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex tiġi eskluża.
- 70 Skont ġurisprudenza stabbilta tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta r-rekwiżiti meħtieġa sabiex id-dispożizzjoni ta' direttiva jistgħu jiġu invokati mill-individwi kontra l-Istat quddiem il-qorti nazzjonali huma sodisfatti, huma jistgħu jagħmlu dan, tkun xi tkun il-kwalità li jaġixxi fiha l-Istat, jiġifieri bħala persuna li timpjega jew bħala awtorità pubblika (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1990, *Foster et*, C-188/89, Ġabra p. I-3313, punt 17, u tal-5 ta' Frar 2004, *Rieser Internationale Transporte*, C-157/02, Ġabra p. I-1477, punt 23).

- 71 Mill-proċess jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra bħala paċifiku li l-Università hija korp pubbliku li fil-konfront tiegħu jistgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' direttiva li jistgħu jkollhom effetti diretti (ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Vassallo, C-180/04, Ġabra p. I-7251, punt 26, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 72 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ġiet mitluba tippreċiża l-konsegwenzi li jirriżultaw, fil-kuntest ta' kawża bejn individwu u tali entità, minn inkompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mal-projbizzjoni, fil-qasam tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol, tad-diskriminazzjoni abbażi tal-età, elenkati fl-Artikoli 2 u 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78. Hija ddeċidiet li liġi nazzjonali li tmur kontra din id-direttiva, f'każ bħal dan, ma għandhiex tiġi applikata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 81).
- 73 Konsegwentement, ir-risposta lill-qorti tar-rinviju għandha tkun li fir-rigward ta' kawża bejn korp pubbliku u individwu, fil-każ fejn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, il-qorti nazzjonali ma għandhiex tapplika din il-leġiżlazzjoni.

*Fuq it-tielet domanda*

- 74 Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterspreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

- 75 F'dan ir-rigward għandu jifakkur li, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, peress li dan huwa esklużivament l-obbligu tal-qorti tar-rinviju (ara s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Marrosu u Sardino, C-53/04, Ġabra p. I-7213, punt 54).
- 76 F'ċerti każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiddeċiedi, mid-domanda li kienu apparentement jirrigwardaw id-dritt nazzjonali, problema dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li eżami tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja jista' jgħin lill-qorti tar-rinviju tiddeċiedi l-kawża quddiemha.
- 77 Madankollu, fil-Kawża C-268/09 li fiha tressqet it-tielet domanda, ma huwiex possibbli li tiġi dedotta tali problema, liema problema kieku tkun distinta minn dik eżaminata b'risposta għall-ewwel żewġ domandi.
- 78 Konsegwentement, ma hemmx għalfejn tingħata risposta għat-tielet domanda.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 79 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, b'mod partikolari, l-Artikolu 6(1) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għall-irtirar obbligatorju tal-professuri universitarji li jkunu għalqu t-68 sena u li dawn tal-aħħar ikomplu bl-attività tagħhom lil hinn minn 65 sena biss permezz ta' kuntratti għal żmien determinat ta' sena li ma jistgħux jiġġeddu iktar minn darbejn, sakemm din il-leġiżlazzjoni jkollha għan leġittimu marbut, b'mod partikolari, mal-politika tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol, bħalma huwa t-twaqqif ta' taġġim ta' kwalità u l-aħjar tqassim tal-postijiet ta' professuri bejn il-ġenerazzjonijiet, u sakemm tippermetti li jintlaħaq dan l-għan b'mezzi xierqa u neċessarji. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti.**

**Fir-rigward ta' kawża bejn korp pubbliku u individwu, fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, il-qorti nazzjonali ma għandhiex tapplika din il-leġiżlazzjoni.**

Firem